FIL-QORTI CIVILI
(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Novembru 2021**

**Rikors nru: 310/2021 AGV ;**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB, datat 20 ta' Lulju 2021, fejn espona bir-rispett;**

1. Illi l-kontedenti kontrattaw iz-zwieg taghhom f' Malta fil- 11 ta' Marzu 2006 kif jidher mic-certfikat taz-zwieg originali hawn anness , mmarkat Dok A u minn daz-zwieg kellhom tlett itfal , EB , u tewmin FB u GB, li twieldu fis- 16 ta' Lulju 2008 u fil- 5 ta' Novembru 2010 rispettivament u li ghalhekk it-tlieta li huma ghandhom tlettax-il sena u hdax-il sena rispettivament.

2. Illi huma sseperaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl- 24 ta' Ottubru 2017 fl-atti tan-nutar Michal Joseph Galea liema kuntratt qed jigi hawn anness, Dok B.
3. Illi l-partjiet ilhom jghixu mhux flimkien minn Marzu 2016 ghalkemm d-data tal-kuntratt ta 'separazzjoni gie ppubblikat fl- 24 ta' Ottubru 2017 ma kienx hemm ebda rijunjoni minn daz-zmien sa issa.
4. Illi ma hemm ebda prospett regeneveoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontedenti.
5. Illi ghalhekk il- kundizzjonijiet mahsuba fl-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma seperati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, ma hux mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.
6. Illi l-affidavit tal-esponent qed jigi hawn anness, mmarkat Dok. C.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob illi a tenur tad-disposizzjoni bejniethom tal-artikolu 66 B tal-Kap 16, il-Qorti joghbgobha prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsuba fl-artikolu 66 C ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza tal-kundizzjonijiet imsemmi fl-artikolu 66 B , tippronunzja d-divorzju ta' bejn il-partijiet kif mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66 C.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Erbgha 3 ta' Novembru 2021 dehret il-konvenuta assistita mill-avukat taghha, qed taghti ruhha b' notikata u tiddikjara illi ma ghandhiex oggezzjoni ghal tali talba.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**